MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 402/2010

**Francis Tonna**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u ghal kull interess li jista' jkollu Charles sive Carmelo Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Francis Tonna fl-14 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti: (i) tichad it-talbiet kollha ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta dedotti kontra tieghu fl-ittra ufficjali bin-Numru 3869/10 datata 20 ta' Settembru 2010; (ii) tiddikjara li Charles sive Carmelo Dimech wahdu huwa responsabbli lejn l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghall-hlasijiet kollha minnha pretizi in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919, li sal-31 ta' Awwissu 2010 komplessivament jammontaw ghal erbat elef disa' mija tmienja u disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€4,998.41); (iii) tikkundanna lil Charles sive Carmelo Dimech sabiex

ihallas lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta is-somma ta' €4,998.41; (iv) tikkundanna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju u mhux prorogabbli, li jigi lilha prefiss mill-Qorti, tawtorizza u taccetta dikjarazzjoni bil-miktub minghandu, skond il-Ligi, illi huwa biegh il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919 lil Charles sive Carmelo Dimech u b'hekk taffettwa u taccetta *partial transfer* ta' l-istess vettura; (v) tordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss mill-Qorti, tezercita l-obbligu li ghandha skond il-Ligi u tigbor minn fejn tinstab il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Giudizzjarju bin-Numru 4/10 u ta' l-ittra bonarja datata 19 ta' Lulju 2007, kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u Charles sive Carmelo Dimech;

Rat id-dokument markat Dok. "FT1" anness mar-Rikors promotur a fol. 4 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) ir-Rikorrent ghandu jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-Rikors promotur; (ii) Charles sive Carmelo Dimech ma jistax jissejjah f'dawn il-proceduri stante li l-ittra ufficjali bin-Numru 3869/10 giet intavolata kontra r-Rikorrent biss; (iii) f'kull kaz ir-Rikorrent jammetti li huwa kien biegh il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919 lil Charles sive Carmelo Dimech fit-2 ta' Ottubru 2002; (iv) ai termini ta' l-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa sid il-vettura li jrid jaghti avviz tat-trasferiment tal-vettura u mhux jhalli f'idejn haddiehor biex jaghti tali avviz hekk mehtieg skond il-Ligi. Ladarba r-Rikorrenti naqas milli jikkonfomra ruhu ma' dak dispost fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ghadu responsabbli ghall-hlasijiet minnha pretizi u dovuti; (v) ghalkemm ir-Rikorrent jikkontendi li huwa ghamel dak kollu possibbli, inkluz li jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront ta' Charles sive Carmelo Dimech, biex dan jirregistra t-trasferiment tal-vettura, li kieku l-istess Rikorrent ottempera ruhu ma' dak dispost fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zmien tat-trasferiment tal-vettura,

illum ma jinsabx fil-posizzjoni li jrid jiddefendi lilu nnifsu mill-pretensjonijiet ta’ l-Awtorità; (vi) l-Awtorità ma ghandha ebda taghrif dwar it-trasferiment tal-vettura u l-licenzja qatt ma giet ipprezentata lilha sabiex fuqha jitnizzlu l-partikolaritajiet sostanzjali tat-trasferiment jew tal-bejgh u ghalhekk skond il-Ligi ghadu responsabbli r-Rikorrent ghall-hlas mitlub fl-ittra ufficjali kontestata. Il-fatt li r-Rikorrent seta ha passi kriminali fil-konfront ta’ Charles sive Carmelo Dimech ma jbiddel assolutament xejn mis-sitwazzjoni u ma jnaqqas xejn mir-responsabilità tas-sid ai termini tal-Ligi. Se mai r-Rikorrent kien fid-dover li jivverifika ma’ l-Awtorità jekk it-trasferiment giex registrat u kemm-il darba jirrizultalu li ma giex hekk registrat messhu istitwixxa l-proceduri opportuni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sabiex ikun jista’ jigi registrat tali trasferiment; (vii) ir-raba’ talba tar-Rikorrent, ossia dik indikata fil-paragrafu (d) tar-Rikors promotur, ma hijiex proponibbli f’dawn il-proceduri, kif lanqas huma gustifikabbli t-talbiet l-ohra tieghu; (viii) ladarba r-Rikorrent ma ottemperax ruhu mal-Ligi u ma tax lill-Awtorità avviz tat-trasferiment, huwa obbligat li jhallas dak dovut ai termini tal-Ligi;

Rat li Charles sive Carmelo Dimech gie notifikat bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni izda naqas milli jressaq Risposta ghall-istess u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mill-Qorti;

Semghet ix-xhieda ta’ Brian Farrugia moghtija waqt is-seduti tas-7 ta’ April 2011[1] u tas-6 ta’ Novembru 2012[2] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. “GV1” a fol. 69 u 70 tal-process, semghet ix-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Gunju 2012[3],

Rat in-Nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali pprezentata fit-22 ta’ Gunju 2012 u s-sentenzi annessi ma’ l-istess Nota a fol. 53 sa’ 65 tal-process;

Rat il-Kapitolu pprezentat fil-konfront ta’ Charles sive Carmelo Dimech;

[1] Fol. 29 u 30 tal-process.
[2] Fol. 77 sa’ 80 tal-process.
[3] Fol. 47 sa’ 52 tal-process.

Rat li r-Rikorrent kellu jipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu sa' l-10 ta' Jannar 2013, izda tali Nota baqghet ma gietx prezentata u dan nonostante l-estensjoni tat-terminu ghall-prezentata ta' l-istess Nota awtorizzata b'Digriet datat 21 ta' Jannar 2013;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta talba ghall-hlas avvanzata kontra tieghu mill-Awtorità intimata fl-ittra ufficjali bin-Numru 3869/10 datata 20 ta' Settembru 2010, in bazi ghall-affermazzjoni li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919, formanti s-suggett ta' dik l-ittra ufficjali, kienet giet minnu mibjugha lil Charles sive Carmelo Dimech fit-2 ta' Ottubru 2002. Ir-Rikorrent jikkontendi huwa ma huwiex responsabbli ghal tali hlasijiet izda ghandu jinstab hekk responsabbli Charles sive Carmelo Dimech li mill-ewwel naqas milli jhallas ghat-tigdid tal-licenzja tal-vettura in kwistjoni u addirittura kien qed jehel numru ta' kontravvenzjonijiet li ghalihom kellu jaghmel tajjeb ir-Rikorrent peress illi l-vettura baqghet tidher licenzjata fuq ismu. Jikkontendi wkoll li l-Awtorità intimata da parte taghha naqset milli taghmel dak mehtieg biex tobbliga lil Charles sive Carmelo Dimech jottempera ruhu mal-Ligi u naqset ukoll milli taccetta r-registrazzjoni ta' *partial transfer* tal-vettura in kwistjoni, bil-konsegwenza li huwa sofra pregudizzju u danni notevoli, fosthom l-interpellazzjoni ghall-hlas kontestata b'dawn il-proceduri.

In bazi ghal tali pretensjonijiet ir-Rikorrent jitlob li l-Qorti (i) tichad it-talbiet kollha ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta dedotti kontra tieghu fl-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru 2010; (ii) tiddikjara li Charles sive Carmelo Dimech wahdu huwa responsabbli lejn l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ghall-hlasijiet kollha minnha pretizi in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919, li sal-31 ta' Awwissu 2010 komplessivament jammontaw ghal €4,998.41; (iii) tikkundanna lil Charles

sive Carmelo Dimech sabiex ihallas lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta is-somma ta' €4,998.41; (iv) tikkundanna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju u mhux prorogabbli, li jigi lilha prefiss mill-Qorti, tawtorizza u taccetta dikjarazzjoni bil-miktub minghandu, skond il-Ligi, illi huwa biegh il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919 lil Charles sive Carmelo Dimech u b'hekk taffettwa u taccetta *partial transfer* ta' l-istess vettura; (v) tordna lill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss mill-Qorti, tezercita l-obbligu li ghandha skond il-Ligi u tigbor minn fejn tinstab il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919.

L-Awtorità intimata topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda in bazi ghal zewg affermazzjonijiet centrali: (i) fl-ewwel lok, kien ir-Rikorrent stess li *qua* sid il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919, naqas milli jottempera ruhu ma' dak provdut fil-Ligi – senjatament fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta – u cioè illi mal-bejgh tal-vettura naqas milli jaghti avviz lill-Awtorità dwar tali trasferiment u ma pprezentax il-licenzja tal-vettura sabiex fuqha jitnizzlu l-partikolartajiet sostanzjali tal-bejgh. F'dawl ta' dan ir-Rikorrent jibqa' legalment responsabbli ghall-hlasijiet pretizi minnha u dana nonstante dak kollu li seta' ipprova jaghmel matul iz-zmien biex igieghel lil Charles sive Carmelo Dimech jirregistra t-trasferiment tal-vettura ma' l-Awtorità; u (ii) fit-tieni lok, l-azzjoni kif impostata fil-konfront ta' Charles sive Carmelo Dimech u t-talbiet kif dedotti, partikolarment it-talba biex l-Awtorità intimata tigi kkundannata taccetta *partial transfer* tal-vettura, huma guridikament improponibbli.

Huwa evidenti li l-Awtorità intimata tibbaza l-kontestazzjoni taghha ghall-pretensjoni tar-Rikorrent li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma ghandux ikun tenut responsabbli ghall-hlasijiet minnha pretizi in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919, fuq dak provdut fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta: *kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort' ohra ttrasferiet*

*il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigix ipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura*.

Il-Qorti ma ghandhiex wisq xi tghid dwar l-imsemmi provvediment tal-Ligi stante li l-import tieghu huwa ferm car u r-Rikorrent difficilment jista' jevita ir-responsabilità civili tieghu kif nascenti mill-istess.

Mill-smigh tal-proceduri rrizulta li r-Rikorrent qed jipprova jinkolpa *inter alia* lill-Awtorità intimata bil-fatt li huwa llum jinsab rinfaccjat b'talba ghall-hlas ta' ammont dovut in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919 li huwa kien biegh lil Charles sive Carmelo Dimech f'Ottubru ta' l-2002. Huwa jimplika fost affarijiet ohra li kien in-nuqqas ta' agir da parte ta' l-Awtorità intimata li wassal ghas-sitwazzjoni odjerna u ghal tali nuqqas ma ghandux jirrispondi hu. Mill-provi prodotti però jirrizulta mod iehor.

Waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011 xehed Brian Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata u ddikjara li: *konna gejna nfurmati minn Francis Tonna illi t-trukk in kwistjoni kien inbiegh minnu lil Charles Dimech fis-16 ta' Jannar 2003. Huwa kien prova jikkomunika ma' Charles Dimech biex isehh it-transfer ma' l-Awtorità izda ma tah l-ebda risposta. Infurmana wkoll illi t-trukk kien bla licenzja kif ukoll bl-insurance mhux imhallsa. Dana sehh permezz ta' ittra datata Lulju 2004. Dak iz-zmien l-Awtorità ippruvat tikkomunika ma' Charles Dimech fejn anki talbitu spjegazzjonijiet dwar dak li kien qed jinghad minn Francis Tonna. L-Awtorità kitbet lil Charles Dimech f'Lulju 2004 kif ukoll f'Awwissu 2004. Madanakollu ma rrispondiex. Fil-15 ta' Settembru 2004 l-Awtorità talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu passi kriminali fil-konfront ta' Dimech u biex tharrek bhala xhud lil Francis Tonna. Il-proceduri ttiehdu u dawn instemghu mill-Qorti tal-Magistrati*

*presjeduta mill-Magistrat Anthony Vella. Dimech kien instab hati u kien inghata tliet xhur zmien biex jaffettwa t-transfer in kwistjoni b'penali ta' Lm2 kuljum fin-nuqqas li jaghmel dan. Madanakollu t-trasferiment baqa' ma sehhx u l-kwistjoni baqghet kif kienet. Is-sentenza mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali inghatat fit-12 ta' April 2007. Naf ukoll li kien hemm sentenza ohra tal-Qorti Kriminali fil-konfront ta' Dimech li nghatat mill-Magistrat Saviour Demicoli recentement. Jiena dik is-sentenza naf biha izda m'ghandix notament taghha u dan ghar-raguni li dakinhar kien deher il-kollega tieghi minfloki. Jiena naf li Dimech rega' nstab hati mill-Qorti u nghata ordni biex jissetilja l-kwistjoni. Madanakollu l-kwistjoni sa' llum ghadha l-istess. ... Il-procedura odjerna qed tittiehed fil-konfront ta' Francis Tonna ghar-raguni li fil-kamp civili li ninsabu fih f'dawn il-proceduri jibqa' responsabbli ghall-hlas tal-licenzji r-registered owner u f'dan il-kaz huwa appuntu r-rikorrenti. L-Awtorità ghamlet dak li setghat biex lil Charles Dimech halli ggibu biex jirregolarizza l-posizzjoni u dana madanakollu s-Sur Dimech naqas milli jaghmel dan[4].*

Minn din ix-xhieda, li ma gietx kontradetta, jirrizulta b'mod car li l-Awtorità intimata ghamlet dak kollu li skond il-Ligi setghet taghmel biex tipprova ggieghel lil Charles sive Carmelo Dimech jirregolarizza l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni IBG-919. Ir-Rikorrent ghalhekk ma jistax izomm lill-Awtorità responsabbli ghall-fatt li Charles sive Carmelo Dimech baqa' jinjora l-interpellazzjonijiet taghha u sussegwentement anke l-ordnijiet tal-Qorti u jippretendi ghalhekk ma ghandux ikun legalment responsabbli ghall-hlasijiet dovuti in konnessjoni ma' l-imsemmija vettura fir-rigward ta' liema ma' l-Awtorità huwa hu li jidher bhala l-persuna licenzjata. Di fatti minn dak kollu li rrizulta mill-provi prodotti jidher car li r-Rikorrent ma ghandux hlief lilu nniffsu lil min ilum ghas-sitwazzjoni li jinsab fiha llum u dana billi meta ttrasferixxa l-vettura lil Charles sive Carmelo Dimech huwa naqas milli jottempera ruhu ma' dak provdut kemm fir-Regolament 26(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 65.11,

[4] Fol. 29 u 30 tal-process.

il-Ligi applikabbli fiz-zmien tat-trasferiment tal-vettura IBG-919[5], kif ukoll ma' dak provdut fl-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti huwa naqas milli jaghti avviz bil-miktub lill-awtorità kompetenti tat-trasferiment in kwistjoni, maghdud l-isem u l-indirizz tal-persuna favur min giet trasferita l-vettura u naqas ukoll milli jikkonsenja l-licenza relattiva. B'hekk kif gustament osservat mill-Awtorità intimata fir-Risposta taghha, li kieku r-Rikorrent ma naqasx milli jonora l-obbligu fil-Ligi tieghu llum ma kienx ikollu ghalfejn jiddefendi ruhu kontra l-pretensjonijiet legittimi taghha.

Ir-Rikorrenti jimplika wkoll li l-Awtorità intimata ma ghamlitx dak kollu mehtieg biex il-vettura in kwistjoni tigi elevata halli b'hekk jieqfu l-multi li ta' spiss johorgu fuqha izda, mix-xhieda ta' Brian Farrugia[6] – xhieda del resto korroborata mill-Ligi stess – jirrizulta li vettura, ghall-inqas sa' ftit taz-zmien ilu, setghet tigi elevata biss mill-Pulizija u/jew mill-Kunsill Lokali u mhux ukoll mill-Awtorità u ghalhekk l-istess Awtorità ma setghetx taghmel wisq fir-rigward. In effetti mir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tnehhija tal-Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru, Legislazzjoni Sussidjarja 65.13, jirrizulta li s-setgha ta' l-Awtorità li televa vetturi li jinsabu fit-triq bil-licenza skaduta giet konferita fuqha fl-2009 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 197 ta' l-2009 – setgha din li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ftit li xejn kienet se tbiddel mis-sitwazzjoni.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li fil-kaz in ezami ghandu jkun hemm xi temperament fir-rigward tieghu ta' l-effetti legali ta' dak dispost fl-Artikolu 26 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Jigi ribadit li f'dan il-kaz huwa n-nuqqas originali da parte tieghu li jottempera ruhu ma' dak provdut fil-Ligi dwar trasferimenti ta' vetturi bil-mutur li fl-ahhar mill-ahhar wassal biex huwa qed ikollu jiddefendi ruhu kontra l-pretensjonijiet legittimi ta' l-Awtorità intimata.

---

[5] Il-vettura giet trasferita fit-2 ta' Ottubru 2002 u dan il-provvediment gie revokat b' Avviz Legali Nru. 476 ta' l-2004.

[6] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2012, fol. 77 sa' 80 tal-process.

Il-legittimità tal-pretensjonijiet ta' l-Awtorità intimata tirrizulta wkoll minn dak provdut fl-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *sid il-vettura*[7] *bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenza relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenza rilevanti*.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel talba tar-Rikorrent ma jisthoqqx li tigi milqugha.

In verità din il-Qorti la tista' tikkonsidra u wisq inqas tilqa' r-rimanenti talbiet tar-Rikorrent stante li huma ghal kollox improponibbli fil-kuntest tal-proceduri odjerni, u dana nonostante l-fatt li Charles sive Carmelo Dimech naqas milli jidher biex jirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat kontra tieghu mir-Rikorrent fis-6 ta' Novembru 2012.

Il-proceduri odjerni jitwieldu minn u huma specifikatament regolati mill-Artikolu 57(3),(4) u (5) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdu li: *(3) meta l-Awtorità taghti xi avviz bil-mezz ta' ittra ufficjali li l-imsemmija persuna tkun civilment responsabbli ghall-hlas ta' xi ammont dovut lill-Awtorità taht dan l-artikolu, l-imsemmi avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet tat-Titlu VII tal-Parti I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kemm-il darba l-persuna avzata ma tibdiet procediment fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni civili sabiex toggezzjona ghall-imsemmi avviz fi zmien tletin jum mid-data li l-imsemmi avviz ikun gie notifikat lilha; (4) kull procedimenti sabiex issir oggezzjoni ghall-avviz skont is-subartikolu (3) ghandhom jinbdew permezz ta' rikors ipprezentat kontra l-Awtorità; (5) l-imsemmi rikors ghandu jaghti r-ragunijeit ta' l-oggezzjoni ghall-avviz u ghandu jkun fih it-talbiet specifici tar-rikorrent dwar l-avviz u ghandu jindika x-xhieda li r-rikorrent ikun bi hsiebu jipproduci b'sustenn tat-talba tieghu*.

[7] Mifhum bhala l-persuna f'isem min tohrog il-licenza tal-vettura – ossia r-Rikorrent fil-kaz odjern.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta car li: (i) il-proceduri odjerni jistghu jigu istitwiti biss fil-konfront ta' l-Awtorità intimata u kontra l-ebda parti ohra. B'hekk Charles sive Carmelo Dimech fil-verità lanqas seta' jitharrek f'dawn il-proceduri u fi kwalunkwe kaz it-talba biex jigi kkundannat ihallas l-ammonti pretizi mill-Awtorità intimata ma tistax tigi milqugha. Naturalment dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt ta' rivalsa li r-Rikorrent jista' jkollu kontra Charles sive Carmelo Dimech ghall-hlasijiet li huwa jigi kostrett jaghmel in konnessjoni mal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni IBG-919 minnu mibjugha lill-istess Charles sive Carmelo Dimech; u li (ii) l-unika talba li jista' jkun hemm f'dawn il-proceduri hi dik biex il-pretensjonijiet ta' l-Awtorità intimata kif dedotti fil-konfront ta' l-intimat (rikorrent f'dawn il-proceduri) fl-ittra ufficjali konestata jigu dikjarati infondati fil-fatt u fid-dritt u b'hekk it-talba ghall-hlas minnha avvanzata bl-ittra ufficjali tigi michuda. Kwalunkwe talba ohra tesorbita kompletament il-kompetenza ta' din il-Qorti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri. Kemm-il darba r-Rikorrent jrid jottjeni r-registrazzjoni tat-trasferiment tal-vettura permezz ta' decizjoni giudizzjarja huwa jkollu jistitwixxi proceduri gudizzjarji *ad hoc* izda certament ma jistax jusufruwixxi minn dawn il-proceduri ghal tali skop.

Ghaldaqstant jigi ribadit li t-talbiet l-ohra kollha tar-Rikorrent, bhall-ewwel talba tieghu, ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tar-Rikorrent kif minnu dedotti fir-Rikors ipprezentat fl-14 ta' Ottubru 2010.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------